Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 168/2018/1

Wara l-mandat ta' zgumbrament 1679/2018 fl-ismijiet:

**Joseph Spiteri, Margaret Spiteri, Marthese Mamo, Emanuel Spiteri, Sonia Sciberras, Philip Sciortino, Dorothy Falzon, Joanne Sciortino, Sonia Falzon, Susanne Sammut, Marisa Spiteri, Jacqueline Spiteri, Alexander Spiteri, Gemma Laferla, Genoveffa sive Vivien Laferla, Yvonne Borg, Sonia Borg, John Spiteri, Guido Spiteri, Josephine Debattista, Alfred Debattista, Carmen Sammut lkoll eredi ta' Anthony sive Twanny Debattista, John Debattista, Antida Mallia, Emanuel Debattista**

**Vs**

**Publius Said**

25 ta' Frar, 2019.

1. Fil-25 ta' Ottubru, 2018 l-appellant ipprezenta rikors ghar-revoka tal-mandat ta' zgumbrament mahrug fis-17 ta' Ottubru, 2018 mill-Bord Li Jirregola l-Kera fuq il-fond Leo Garage, Triq Qrejten, Msida in segwitu ghas-sentenza ta' din il-qorti tat-2 ta' Frar, 2018. Ir-raguni ghat-talba kienet li:

   i. Din il-qorti kien laqat talba tal-appellant ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza in vista tal-proceduri ta' ritrattazzjoni li kien ipprezenta;
   ii. Il-fond li minnu qieghed jintalab l-izgumbrament qatt ma kien jezisti, izda jezisti l-fond Olympia Garage, Triq Qrejten, Msida.

2. Permezz ta' rikors prezentat fis-7 ta' Dicembru, 2018 Publius Said appella minn decizjoni tal-Bord Li Jirregola l-Kera li biha cahad talba ghar-revoka ta' mandat ta' zgumbrament. Il-Bord irraguna li:

   i. Din il-qorti kienet ordnatlu jaghmel depozitu sabiex titwaqqaf l-ezekuzzjoni tas-sentenza wara dik li nghatat mill-Qorti tal-Appell fil-kawza Joseph Spiteri et vs Publius Said (16/2012). Ordni li l-appellant ma wettaqx;
   ii. Il-fond li fuqu trid issir l-ezekuzzjoni tal-mandat ta' zgumbrament hu dak li nbena fuq l-art li l-appellant kien ha b'kera minghand l-aventi kawza tal-intimati;
   iii. Revoka ta' mandat tista' tintalab biss jekk il-mandat fih difett ta' forma;
   iv. Skont l-artikolu 276 tal-Kap. 12 hadd ma jista' jaghmel opposizzjoni ghall-ezekuzzjoni ta' mandat.

3. L-aggravji huma li:

    i. Hemm digriet li ordna s-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-sentenza;
    ii. Il-Bord xekkel idejn din il-qorti sabiex tiddeciedi b'mod seren it-talba ghar-riduzzjoni tal-garanzija;

4. Illum inghatat is-sentenza fil-proceduri ta' ritrattazzjoni, u giet michuda t-talba tal-appellant ghar-revoka tas-sentenza ta' din il-qorti tat-2 ta' Frar, 2018 (appell numru: 16/2012 fl-istess ismijiet).

5. Il-qorti tibda billi tosserva li fid-decizjoni taghha tal-4 ta' Gunju, 2018 li biha laqat it-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-2 ta' Frar, 2018 skont l-artikolu 823 tal-Kap. 12, kienet ordnat lill-appellant sabiex jiddepozita s-somma ta' €6,000 sa mhux iktar tard mill-15 ta' Gunju, 2018. Somma li l-appellant baqa' ma ddepozitax. L-appellant kien ipprezenta rikors fejn talab lil din il-qorti sabiex tnaqqas dik il-garanzija jew taghtih sal-11 ta' Lulju, 2018 sabiex jaghti dik il-garanzija. Il-qorti baqghet ma tatx provvediment finali fuq dak ir-rikors. Illum il-meritu ta' dak ir-rikors hu ezawrit ghal kollox ghaliex bis-sentenza li nghatat illum giet michuda t-talba tal-appellant ghar-revoka tas-sentenza ta' din il-qorti tat-2 ta' Frar, 2018. Ladarba l-proceduri ta' ritrattazzjoni nghalqu llum u fihom l-appellant hareg tellief, il-meritu tar-rikors tal-4 ta' Gunju, 2018 hu ezawrit u s-sentenza tal-Bord Li Jirregola l-Kera ser tigi ezegwita.

6. Ghal kull buon fini l-argument li sar quddiem il-Bord li l-fond ghandu l-isem ta' Olympia Garage u mhux Leo Garage, hu dghajjef. Fil-fatt fil-kawza ta' zgumbrament hemm skrittura iffirmata mill-appellant stess fejn il-partijiet qalu li l-fond ghandu l-isem ta' Leo Garage. Inoltre, l-partijiet jafu liema hu l-fond oggett tal-kawza 16/2012 fl-ismijiet **Joseph Spiteri et vs Publius Said**. Il-fond hu dak li jidher fir-ritratti li hemm fl-atti tal-mandat ta' zgumbrament u wkoll fl-atti tal-kawza ta' ritrattazzjoni. Ghalhekk l-izgumbrament ghandu jsir minn dak il-fond.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell ta' Publius Said bl-ispejjez kontra tieghu.**

Anthony Ellul.